MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2002

Rikors Numru. 80/2001/1

**Stanislaw u Jane konjugi Borg**

**Vs**

**George Ciappara u Baskal Callus**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi l-esponenti jikur lill-intimati l-fond 15/16 Alley 1 Pinto Street, Qormi, versu l-kera ta' disa liri Maltin (Lm9) fis-sena jithallas kull sena bil-quddiem, l-ahhar skadenza ghalqet fl-1 ta' Lulju 2001.

Illi l-intimati kisru l-kondizzjonijiet lokatizji billi ghamlu hsarat fil-fond u inoltre ghamlu bini u opri fl-istess fond minghajr il-kunsens tas-sidien u tal-Awtorita' kompetenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex dan il-bord jogghbu jawtorizzahom jirriprendu pussess fil-fond 15/16 Alley 1 Pinto Street, Qormi, u ghall-fini tal-izgumbrament jipprefiggilhom terminu qasir u perentorju.

Ra li deher ir-rikorrent Stanislaw Borg.

Ra li l-intimati la dehru u lanqas ipprezentaw rispsota.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha jirriprendu pussess tal-fond 15/16 Alley 1, Pinto Street, Qormi, ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' xahar millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------